MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Numru. 545/2000

Il-Pulizija
(Sup Paul Vassallo)
vs
Steve Vassallo, iben Anthony, imwieled Pieta' fil-21 ta' Marzu, 1975, karta ta' l-identita numru 162975(M)

Illum, 3 ta' Ottubru, 2012

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fis-6 ta' Mejju, 2000 f'xi ħin bejn is-1.00 p.m. u it-3.00 p.m. minn Triq it-Tamar, Qawra ikkometta serq ma persuna oħra mhux magħrufa ta' vettura ta' l-għamla Mazda 626, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAJ 263, propjeta' ta' Stephen Victor Saliba mill-Qawra, u liema vettura hija stmata li tiswa aktar minn Lm1,000 iżda anqas minn Lm5,000 għad-dannu ta' l-istess Stephen Victor

Saliba, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur ;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, hekk kif indikat fl-ewwel akkuża, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' vettura tal-għamla Mazda 626, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAJ 263, propjeta' ta' Stephen Victor Saliba mill-Qawra;

3. talli fis-7 ta' Mejju, 2000, flimkien ma persuna oħra, f'xi ħin wara nofs il-lejl, waqt li kienu ġewwa l-vettura ta' l-għamla Mazda 626, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAJ 263, ġewwa Ta' Zeppita. L_imtaħleb, limiti tar-Rabat, mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, zammew f'xi fond armi tan-nar u munizzjon jew kellhom f'idejhom jew fuqhom armi tan-nar jew munizzjon u cioe' żewġ snieter tal-marka Luigi Franchi u Beretta, iżda mhux f'xi fond jew f'post li jagħmel miegħu;

4. talli hekk kif imsemmija fit-tielet akkuża ġew fil-pussess ta' armi tan-nar u cioe' żewġ snieter tal-marka Luigi Franchi u Beretta, liema snieter għandhom in-numru tas-serje mħassar minn fuqhom u munizzjon xort' oħra milli b'liċenzja u naqsu li minnufih jagħtu avviż tagħhom lill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. talli hekk kif indikati fl-ewwel erba' akkużi kien flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa kompliċifid-delitti ta' serq u riċettazzjoni ta' vettura u kif ukoll pussess u kontroll ta' armi tan-nar u munizzjon mingħajr liċenza, billi xjentement għin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti ġew ippreparati jew ikkunsmati jew xewwex lil ħaddieħor, inkella saħħah il-volonta' tagħhom sabuiex jagħmlu d-delitti msemmija, ta' serq riċettazzjoni u pussess illegali ta' armi tan-nar u munizzjon;

6. talli fis-7 ta' Mejju, 2000 mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, żamm f'xi fond, u cioe' fir-residenza ta' fejn joqgħod, armi tan-nar u munizzjon, jew kellu f'idejh jew fuqu xi armi tan-nar jew munizzjon, u cioe' diversi skrataċċ u affarijiet oħra konnessi;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta ma l-imputat talli huwa reċidiv b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fejn fil-5 ta' Novembru, 1993 kien ikkundannat sena ħabs sospiżi għal tlett snin, wara li nstab ħati fuq serq , kif ukoll talli fis-17 ta' Lulju, 1998 mill-Qorti ta' l-

Appell Kriminali kien immultat Lm250 u liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin skont l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li nstab ħati fuq serq, kif ukoll talli fil-21 ta' Mejju, 1999 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kien ikkundannat sentejn ħabs u Lm200 multa wara li kien instab ħati dwar pussess tad-droga eroina.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' Marzu, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 261(a)(b)(ċ), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 279(b), 280, 334, 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju, 2008 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-6 ta' Mejju, 2000 il-pulizija waqfet vettura tal-marka Mazda 626, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAJ 263, l-Imtaħleb. F'din il-vettura kien hemm l-imputat flimkien ma żewġ persuni oħra. F'din il-vettura nstabu wkoll żewġ snieter u biċċa cannabis.

Illi flimkien ma l-imputat kien hemm ċertu Darren Galea u persuna oħra mhux magħrufa. Illi fl-atti ta' din il-kawża Darren Galea ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, fil-waqt li l-kawża kontra l-imputat odjern baqgħet għaddej billi hu dejjem ipprofessa l-innoċenza tegħu.

Illi jirrizżulta li din il-vettura kienet insterqet dak in-nhar stess iżda l-imputat dejjem stqarr li hu kien passiġġier

f'dain il-vettura u kien għaddew għalih u ma kienx jaf li tali vettura kienet misruqa.  Minbarra dan hu kien stqarr li sab l-armi fil-vettura u ma kienx jaf ta' min kienu tali armi.

Illi fil-kors ta' l-investigazzjoni ta' dan il-każ il-pulizija għamlet tfittxija fid-dar ta' l-imputat.  Hemmhekk, huma sabu disgħa u sittin skrataċ ta' diversi kuluri.  Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm dawn l-iskrataċ id-dar tiegħu.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat kellu x'jaqsam mas-serq ta' din il-vettura jew maż-żewġ snieter misjuba fl-istess vettura.

Rat is-sentenzi eżebiti mill-prosekuzzjoni li minnhom jirrizulta li l-imputat hu reċidiv.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati  tal-ewwel erba' akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.  Issibu ħati tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll li hu reċidiv.  Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.  Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------